# *GEORGE CROSS*

Dom Atty kien magħruf mill-pulizija ta' New York bħala bniedem qalil li jindaħal għal kull xorta ta' ksir il-għonq kien telaq minn Malta mar-ruxxmata Maltin li siefru għall-Amerika wara li spiċċat il-gwerra l-oħra u ntafa' fi New York, iżda billi ma kellux ħajra għax-xogħol, baqa' ma qabad l-ebda lant; kien igħix ħajja mxerrda u għamel sħab ma' xi erbgħa minn nies karfa li f'qasir żmien ħarrġuh fl-irqaqat kollha tal-ħajja bla raj u bla lġiem. Dak iż-żagħżugħ Malti ma damx ma nbidel bħal-lejl min-nhar, nesa 'l niesu, nesa' 'l pajjiżu, tafa' wara spallejh kull rażna u sar imżattat, sar ġellied, rabba arja kbira u ħa bixra ta' wieħed li ma jibża' minn xejn; saħansitra bidel ismu u minn Duminku Attard beda jissejjaħ Dom Atty.

Żagħżugħ fuq ruħu, qalbieni, ħafif u b'saħħtu, ma damx ma għamel isem fil-ħwienet tal-baħrin ta' Hoboken u mhux darba jew tnejn ġie fl-idejn man-nies tax-xatt ta' Hudson River u meta jkun xurban kont tarah sejjer għal ġlied mas-Suwed ta' Haarlem.

Fi żmien il-*Prohibition*, Atty qala' flus kemm ried, mexxà bil-moħbi tagħbijiet ta' krietel tal-whiskey, qala' xi żewġ taptipiet, iddobba xi erba' tiri ta' revolver u weħel xi sitt xhur ħabs; imbagħad il-Gvern raġa' ta s-sensja li jinbiegħ ix-xorb fil-ħwienet u Atty sab ruħu bla ħabba u bla xogħol, iżda billi laħaq dara jgħix bl-akkarija ma medd għonqu għal ebda xogħol u baqa' jitlajja u jdabbar rasu kif jista' bin-nhar qalb il-ħwienet, it-trafku u l-istorijiet ta' Broadway u bil-lejl qalb id-dawl, il-logħob u x-xalar ta' Coney Island.

F'dik il-ħajja tal-għażż u ta' tberbix Dom Atty telaq kollox wara spallejh, hu qatt ma kiteb lil niesu u minn għandhom qajla kienet tasallu xi ittra, iżda wara li bdiet din il-gwerra l-ebda ħbar ma waslitlu minn Malta u hu ma ħabbel rasu b'xejn; kultant kien jisma' t-tfal li jibigħu l-ġurnali jgħajtu bl-attakki qawwijin tal-għadu fuq Malta u kien jaqra fl-ewwel faċċata tal-gazzetti tifħir għal ħila u qlubija tal-Maltin, iżda għalkemm kien iħoss xi ħaġa tqanqallu demmu hu baqa' dejjem biered u qatt ma mela rasu.

Darba wara nofs in-nhar kif kien jitlajja fl-inħawi ta' Brooklyn, Atty ra ħafna nies deħlin f'bieb kbir, kien sa jibqa' sejjer, iżda waqaf għax lemaħ bandiera Maltija tperper fuq il-bieb u taħtha qara skrizzjoni b'ittri kbar: *Glorifying Malta, the George Cross Island.* Iż-żagħżugħ Malti ħass bħal tqan-

qila ta' ferħ, resaq u staqsa x'kienet il-biċċa. "Idħol isma' fuq il-ħila tal-Maltin ħalli titgħallem minnhom tagħmel dmirek lejn pajjiżek," qallu wieħed li kien ħdejn il-bieb. "Żagħżugħ bħalek imissek tinkiteb suldat," żied qal raġel ieħor mdaħħal fiż-żmien u b'ħafna medalji tal-gwerra mdendlin fuq sidru.

Dom Atty malajr fehem li dik kienet laqgħa biex bis-saħħa ta' Malta jħajru n-nies jidħlu suldati u baqa' bejn ħaltejn jekk jidħolx jew le, iżda isem il-gżira fejn twieled qanqallu xewqa li jkun jaf x'sa jingħad fuqha u ħass xi ħaġa tiġbdu biex jidħol jisma.

Atty daħal, tala' bil-lift u sab ruħu f'sala daqs baħar mimlija bħal bajda bin-nies, mal-ħitan tas-sala kienu mdendlin bandieri ta' l-Ingilterra u ta' l-Amerika u ta' nazzjonijiet oħra mseħbin magħhom, kif wkoll ħafna kitbiet b'tifħir lejn il-Gżira tagħna; fit-tarf tas-sala kien hemm bandiera kbira ta' Malta bil-"*George Cross*" fuqha u bl-"*Union Jack*" u bli "*Stars and Stripes*" kull naħa tagħha; taħt il-bandiera Maltija, fuq pedistall fil-għoli kien hemm mejda b'ħafna mikrofonijiet fuqha u xi nofs tużżana kbarat bil-qiegħda madwarha; f'ġenb tas-sala kien hemm orkestra ddoqq l-Innu Malti.

* * *

Ċapċipa kbira nstemgħet wara l-Innu Malti, imbagħad meta waqa' xi ftit tas-skiet, qam wieħed mill-kbarat li kienu madwar il-mejda u beda jitkellem; beda biex ta xi tagħrif fuq il-Gżira tagħna, tkellem fil-qosor fuq l-Istorja tagħha, tarraf fuq ir-razza tagħna u mbagħad b'leħen għoli u mqanqal minn ħrara li ma bħalha, l-oratur beda jfisser fuq it-tweġħir u t-tbatijiet li Malta kienet għaddejja minnhom, wera l-ħila ta' l-irġiel Maltin li taħt xita ta' balal baqgħu jaqdu d-dmerijiet tagħhom u semma l-qlubija tan-nisa li m'inkejja tal-biża' kollu qatt ma naqsu li jħabirku għad-dar jew għax-xogħol li ħafna minnhom indaħlu għalih minħabba l-gwerra; saħansitra t-tfal, fost dak il-hemm kollu għamlu sehemhom huma wkoll u bid-daħka ferriħija tagħhom nessew mhux ftit is-swied il-qalb li jaħkem fuq il-Gżira. Malta hija pajjiż żgħir fejn in-nies kollha jafu 'l xulxin jew jiġu minn xulxin u l-hemm li jaqa' fuq bniedem wieħed jolqot ftit jew wisq lil bosta oħrajn u dik il-Gżira ma kenitx nieqsa min-niket u mill-hemm f'dawn l-aħħar sentejn: disgrazzji kuljum u waħda akbar mill-oħra, biża' tal-mewt lejl u nhar, tiġrib kull ħin,

ħsara kull fejn iddawwar għajnejk, qirda ma taqta' xejn. Kull bniedem fil-Gżira ta' Malta jistenna minn ħin għal ieħor li jitlef ħajtu jew jindarab; filgħaxija meta jidlam u fil-għodu meta jisbaħ in-nies iħejju ruħhom għad-dinja l-oħra għax ma jafux jekk jintradmux ma' tul il-lejl jew jekk jitbiċċrux bil-balal ma' tul il-jum; biża' ma jaqta' xejn u qirda nieżla bla hedu mis-sema; qagħda bħal din messha rażżnithom il-Maltin, iżda dawk in-nies għandhom qalbhom qawwija iżjed mill-blat li jidħlu fih waqt l-"*air raids*"!

Hawn qamet ħamba kbira; kull min kien fis-sala qam igħajjat u jfaħħar il-Malta u jċapċap idejh kemm jiflaħ hekk li l-għagħa għatta l-amplifajjer tar-radju u għal ftit tal-ħin dak li kien jitkellem kellu jiskot.

Mita reġgħet waqgħet xi ftit tal-ħemda l-oratur żied igħid: "M'hux ta' b'xejn li r-Re Ġorġ, fost l-Imperu Ingliż kollu għażel iċ-ċkejkna Gżira ta' Malta bħala l-ewwel art biex jagħtiha u jżejjinha bil-*George Cross*; dik il-Gżira hija għelm ta' l-akbar ħila, xempju ta' l-aqwa qlubija u mera ta' l-ogħla ġieħ u bil-ħaqq kollu jistħoqqilha tkun imsebbħa għal kull ma batiet u għal kull ma ġarrbet f'din il-gwerra ħarxa."

Malli dak li kien jitkellem waqaf, raġa' nstama' ċapċip kbir li dam sejjer qatigħ, imbagħad qam oratur ieħor li beda jsemmi fuq l-eżempju tal-għaġeb li Malta tat lid-dinja kollha, eżempju ta' fehma sħiħa u ta' rieda qawwija. Malta qatt ma mejlet rasha m'inkejja tal-ħruxija kiefra tal-għadu u kieku pajjiżi oħra għamlu bħalha sal-lum il-għadu ħareġ tellief u mirbuħ.

Imbagħad tkellmu oħrajn u kollha semmew fuq it-tbatija li ġarrbet Malta u fuq il-qawwa tal-għaġeb li wriet dik il-Gżira li saħħret id-dinja, urew il-għawġ u t-tbatijiet tal-Maltin li min jeddhom barrew kull kumdità tal-ħajja u għażlu li jibqgħu neqsin minn ħafna ħwejjeġ, iżda qatt ma mejlu ras hom u qatt ma ħallew il-biża' jagħmel bihom. F'Malta l-lum ma baqax ċajt u ħejm u ħlewwiet, saħansitra l-Maltin huma neqsin mil-ħtiġijiet tal-ħajja u mqar biex imorru għax-xogħol ta' kuljum, ikollhom jimxu biċċa sewwa ħtija tan-nuqqas tal-petrol, iżda huma għażlu li jitqabdu sakemm jaraw il-għadu mħarbat u mxejjen.

Hawnhekk ħadd ma felaħ iżomm aktar, u kulħadd infexx f'għajat u ċapċip li jitarrax. Dom Atty li kien baqa' miġbur fih innifsu jisma' t-tifħir fuq ħutu l-Maltin u fuq art twelidu ħass bħal mistħija tħammarlu wiċċu u bħal sogħba tkiddlu

qalbu talli hu kien nesa dmirijietu lejn niesu u lejn pajjiżu; mitt darba kien sa joħroġ mis-sala għax sti jjel li dawk in-nies kollha hemm miġbura kienu qegħdin jagħrfuh bħala Malti u kienu jlumuh għall-imġiba ħażina tiegħu, iżda kull darba l-isem ta' Malta kien iżommu marbut bil-qiegħda fejn kien, hu ħass ruħu jitrigħxxaq jisma' fuq ħilet niesu u fuq irġulithom, xtaq sata' jaqsam magħhom it-tbatijiet u n-niket li waqgħu fuqhom u fawra ta' mħabba f'daqqa waħda messitlu qalbu u saħħritu; ftakar fil-ġrajja ta' ċkunitu, ġieb quddiem għajnejh il-postijiet fejn trabba, qalbu bdiet tferfer, demmu beda jbaqbaq, għajnejh ħmaru u x-xfar tagħhom demmgħu.

* * *

Atty ħareġ mis-sala ħosbien u donnu bniedem mitluf minn sessih, baqa' sejjer qisu ras maqtugħa lejn Seventh Avenue fejn kellu mikrija kamra, daħal mibluh u sieket, iżda malli rifes il-għatba sidt id-dar laqgħetu u qaltlu:

"Fejn kont? Ilek tlitt ijiem ma tidher. Jumejn ilu wasallek telegram; xħettulek fil kamra minn taħt il-bieb."

Atty bil-kemm iżżaħajr lis-Sinjura u baqa' tiela' t-taraġ kiebi u bil-lajma, malli fetaħ il bieb sab fuq il-għatba t-telegram u fetħu bla ħajra ta' xejn, iżda malli qara l-ewwel kelmtejn ħa dehxa kbira, demmu kesaħ, ġismu qam xewk xewk, għafsa ta' qalb żammitlu n-nifs u waqa' borra fuq siġġu; fit-telegramm Atty qara li ommu mietet mirduma mita d-dar tagħha ġġarrfet b'balla tal-għadu.

Għal dik l-aħbar Dom tbikkem, dalma kbira waqgħet quddiem għajnejh u l-ġrajjiet kollha ta' żgħużitu imħarsin mill-għożża u l imħabba ta' ommu għaddew bħal berqa minn moħħu; baqa' ħiemed għal ftit tal-ħin, imbagħad f'daqqa waħda far u għadab, qabditu bħal sfiċċa, qam u beda jdur mal kamra qisu ljun feroċi, wara dan qabdu bħal ferħ ta' ġenn u ħareġ jiġri donnu mherwel u jgħajjat kemm jiflaħ: "Viva Malta! Viva Malta l-Gżira tal-*George Cross!*"

Fit-trieq kull min ra l-Dom Atty għaddej b'dik id-dagħdigħa fuqu waqaf skantat iħares lejh, iżda hu ma qies xejn, baqa' sejjer igħaġġel sakemm sab l-ewwel post fejn jinkitbu s-suldati, daħal dritt u tahom ismu biex jidħol suldat.

Il-Fizzjal li jiġbor in-nies malli għaraf li Atty kien Malti laqgħu b'idejh it tnejn għax kif qal b'leħen għoli biex jisimgħu kulħadd kien ġieh kbir għalihom li jkollhom fosthom wieħed Malti bin il-Gżira tal-*George Cross!*

Ġużè Galea.